*tkeċċija mill-impjieg ikkunsidrata li hija inġusta għaliex ma saritx skont il-formalitajiet stabbiliti fil-ftehim li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 30/2020 LM

**John sive Ian Azzopardi (K.I. 174457M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**APS Bank Ltd (C 2192)**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat, hawnhekk "il-bank appellant", **APS Bank Ltd (C 2192)** minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tal-21 ta' Lulju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija tar-

rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **John sive Ian Azzopardi (K.I. 174457M)** mill-impjieg ma kinitx għal raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi, u għalhekk il-bank intimat ġie kkundannat iħallas lir-rikorrent ammont ta' kumpens f'somma ekwivalenti għal nofs is-salarju li dan kellu, minn meta l-impjieg ġie tterminat sad-data ta' meta kellu jiġi fi tmiemu l-kuntratt ta' servizz fiss li r-rikorrent kellu mal-bank intimat.

## Fatti

2. Ir-rikorrent kien impjegat mal-bank intimat fil-grad ta' "Manager II" fuq bażi *full-time* għal perijodu ta' sentejn, permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Diċembru, 2012, li sussegwentement ġie mġedded għal perijodu ta' sentejn oħra permezz ta' ittra bid-data tat-22 ta' Settembru, 2014. Fir-rikors tiegħu lit-Tribunal, ir-rikorrent spjega li matul il-perijodu tal-impjieg tiegħu, huwa kien investa somma flus mas-soċjetà Cassar & Schembri (Marketing) Limited, u meta l-bank intimat sar jaf b'dan, iddeċieda li jitterminalu l-kuntratt ta' impjieg unilateralment, u informa lir-rikorrent b'din id-deċiżjoni f'ittra bid-data tat-3 ta' Marzu, 2015. Ir-rikorrent spjega li meta huwa rrifjuta li jirriżenja mill-impjieg tiegħu, il-bank intimat għadda biex itterminalu l-impjieg permezz ta' ittra bid-data tat-3 ta' Marzu, 2015. Ir-rikorrent qal li l-fatt li huwa għażel li jinvesti flusu ma terzi, ma jikkostitwixxix raġuni tajba għat-tkeċċija, u din id-deċiżjoni tal-bank kienet waħda diskriminatorja fil-konfront tiegħu għaliex il-bank intimat ma mexiex bl-istess mod ma' impjegati oħra.

3. Il-bank intimat fir-risposta tiegħu qal li r-raġuni li wasslet għat-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet għax kien irriżulta lill-bank li r-rikorrent kien għamel self sostanzjali lil wieħed mill-klijenti tal-bank. Il-bank intimat qal li dan is-self ma setax isir kemm għaliex ir-rikorrent kellu obbligu li jevita sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, partikolarment minħabba li r-rikorrent kien jaħdem fil-*commercial loans department,* kif ukoll għaliex huwa kien prekluż milli jagħmel dan bil-Kodiċi ta' Etika tal-bank.

**<u>Mertu</u>**

4. Permezz tar-rikors miġjub minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddeċiedi u jiddikjara li l-bank intimat keċċieh u tterminalu l-impjieg tiegħu inġustament u mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi, u konsegwentement talbu jiddikjara li din it-tkeċċija kienet nulla u mingħajr ebda effett fil-liġi. Ir-rikorrent talab ukoll lit-Tribunal jordna lill-bank intimat jerġa' jintegrah fl-impjieg tiegħu u jħallsu l-arretrati tas-salarji tiegħu mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu sal-jum tal-integrazzjoni tiegħu mill-ġdid fl-impjieg. Talab ukoll li f'każ li t-talba tiegħu preċedenti ma tiġix milqugħa, il-bank intimat jiġi ordnat iħallsu kumpens xieraq.

5. Il-bank intimat, fir-risposta tiegħu wieġeb li r-rikorrent kien impjegat fuq kuntratt għal żmien definit u għalhekk il-proċess dixxiplinarju kkontemplat fil-Ftehim Kollettiv ma japplikax għalih. Ġie eċċepit ukoll li r-rikorrent ingħata l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, u għalhekk huwa kien ingħata smigħ xieraq. Il-bank intimat qal li d-deċiżjoni tiegħu li l-pożizzjoni tar-

rikorrent fil-bank ma kinitx għadha tenibbli, kienet ittieħdet għaliex dan kien prekluż milli jidħol għal xi tip ta' obbligi jew arranġamenti finanzjarji ma' terzi, kemm għaliex dan kien jagħti lok għal sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, kif ukoll għaliex dan imur kontra l-Kodiċi ta' Etika u Kondotta tal-bank.

6. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu tas-17 ta' Diċembru, 2012, kopja tal-ittra tat-22 ta' Settembru, 2014, li permezz tagħha huwa ġie infurmat li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi mġedded għal perijodu ieħor ta' sentejn, kif ukoll kopja ta' ittra tat-3 ta' Marzu, 2015, fejn ir-rikorrent ġie infurmat li l-pożizzjoni tiegħu mal-bank ma kinitx għadha aktar tenibbli, u għalhekk il-kuntratt ta' impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, u kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fir-rigward.

7. Ir-rikorrent **John sive Ian Azzopardi**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa huwa kien ilu impjegat fil-qasam finanzjarju għal madwar 37 sena, meta beda jaħdem mal-Mid Med Bank, sussegwentement HSBC Bank, minn fejn irtira fuq bażi volontarja wara 35 sena ta' ħidma. Qal li immedjatament wara huwa kien ġie impjegat mal-APS Bank b'kuntratt ta' sentejn fil-grad ta' Manager II fil-*Commercial Business Unit* fil-*Head Office* tal-bank. Qal li tul iż-żmien tal-impjieg tiegħu huwa kellu relazzjoni tajba kemm mal-*management* tal-bank kif ukoll mal-kollegi u l-klijenti tal-bank. Spjega li f'Marzu tal-2014 huwa investa somma flus mal-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited, wara li għamel eżerċizzju ta' *due diligence* fuq din il-kumpannija. Qal li din il-kumpannija kienet topera l-More Supermarkets, u kienet timporta u tesporta l-laħam u prodotti oħra. Qal li skont l-aħħar *audited accounts* ta' din il-

kumpannija, din kienet qiegħda tagħmel profitti tajbin u kellha kapital b'saħħtu. Żied jgħid li madwar xahar wara li għamel dan l-investiment, huwa kien ġie mgħarraf li din il-kumpannija kellha problemi ta' likwidità u kienet qiegħda tissospendi temporanjament il-ħlas lura ta' xi pagamenti. Kompla jgħid li xi żmien wara huwa sar jaf li wieħed mid-diretturi ta' din il-kumpannija kien ħarab minn Malta u għalhekk irrealizza li l-possibilità li jirkupra lura l-investiment tiegħu kienet qiegħda titbiegħed. Qal li huwa ħa azzjoni kontra din il-kumpannija, liema azzjoni ġiet ikkontestata mis-*shareholder* l-ieħor ta' din il-kumpannija u għalhekk il-każ spiċċa l-Qorti. Qal li kien f'dan l-istadju li ġie msejjaħ wieħed mill-impjegati tal-bank intimat sabiex jixhed, għaliex wieħed miċ-ċekkijiet tal-investiment tiegħu kien proprju ċekk tal-APS Bank. Ir-rikorrent qal li hekk kif il-bank intimat sar jaf bil-kawża tiegħu, kien bagħat għalih il-*Head of Corporate Strategy,* Noel McCarthy, li kien talbu jagħti spjega dettaljata dwar l-investiment inkwistjoni. Kompla jgħid li l-għada bagħat għalih is-CEO tal-bank, Edward Cachia, li reġa' talbu jagħti spjegazzjoni ta' dak li kien għamel u beda jgħidlu li dan ma kien investiment xejn imma self ta' flus. Kien waqt din il-laqgħa li r-rikorrent intalab jagħti r-riżenja tiegħu, għaliex inkella kien ser jispiċċa mkeċċi mill-impjieg. Ir-rikorrent qal li dak li ġara lilu daħħlu fi stat ta' ansjetà kbira, u l-għada ma felaħx jidħol ix-xogħol. Qal li wara madwar jumejn huwa kien irċieva l-ittra fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mal-bank kien qiegħed jiġi tterminat jekk jirrifjuta li jirriżenja. Qal li huwa kien informa lill-bank li kien qiegħed jirrifjuta li jirriżenja u ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li saru kontrih, iżda minnufih il-bank bagħatlu ittra oħra li permezz tagħha infurmah li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Qal ukoll li fil-każ tiegħu quddiem il-Qorti, huwa dejjem sostna li l-kumpannija li magħha għamel l-investiment

kienet tatu numru ta' kambjali bħala garanzija għall-investiment tiegħu, u dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti. Ir-rikorrent ikkonkluda billi qal li huwa qatt ma ngħata l-opportunità jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti kif ġraw, u din it-tkeċċija kellha konsegwenzi kemm finanzjarji kif ukoll fuq saħħtu.

8. Waqt xhieda li ta *viva voce* quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li l-ftehim li huwa kellu meta daħal għall-imsemmi investiment, kien li jirċievi 15% *return* fuq il-kapital investit minnu. Qal li f'dan il-każ ma sar l-ebda ftehim jew kuntratt bil-miktub, għaliex dan kien *short term investment.* Ir-rikorrent ċaħad li huwa kien offra li jirriżenja waqt il-laqgħa li kellu mas-CEO tal-bank. Ir-rikorrent qal ukoll li dakinhar li huwa rċieva l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg, huwa kien intalab jippakkja ħwejġu u jitlaq 'il barra, mingħajr ma saru xi proċeduri formali u għalhekk huwa ma kienx ingħata ċ-ċans li jiddefendi ruħu. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma kienx jaf li l-kumpannija li kien investa fiha kienet klijenta tal-bank fejn huwa kien jaħdem. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ir-rikorrent qal li l-kambjali maħruġa favur tiegħu kienu jiskadu wara xahrejn jew tliet xhur, u kien għalhekk li huwa qies dan tiegħu bħala *short term investment.*

9. Il-bank intimat ppreżenta kopja tal-Kodiċi ta' Etika li jorbot lill-impjegati tiegħu u ssenjala tliet obbligi partikolari li hu jimponi fuq l-impjegati tiegħu, partikolarment illi,

> *"Circumstances which conflict, or may appear to clearly conflict, with the interests of the Bank or its customers, should be avoided."*

Il-Bank intimat ippreżenta wkoll estratt tal-Ftehim Kollettiv għas-snin 2014-2016, fejn il-klawsola 28(b) tgħid,

> *"Employees shall not, without the prior written permission of the Bank, act as attorney/agent, borrow or lend money or enter into any guarantee; except in those cases where the employee is acting as an attorney/agent, or borrowing from or lending money to or acting as a guarantee relating to a member of his immediate family (i.e. wife, husband, children, and parents)."*

10. **Noel McCarthy**, *Chief Officer* mal-bank intimat ikkonferma li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat f'Marzu tal-2015, ftit xhur qabel kellu jiskadi l-perijodu tal-kuntratt li kellu. Ix-xhud spjega li r-rikorrent kien impjegat fi grad maniġerjali, u fil-pożizzjoni tiegħu kien jieħu ħsieb is-self lill-klijenti. Ix-xhud qal li waqt laqgħa li r-rikorrent kellu miegħu u mas-CEO tal-bank, dan ammetta li kien silef xi flus lil terzi, bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg u tal-kodiċi ta' etika li jirregola lill-impjegati tal-bank. Ix-xhud qal li l-bank kien ġie infurmat b'dan wara li l-bank intalab jibgħat rappreżentant tiegħu sabiex jagħti d-depożizzjoni tiegħu f'kawża bejn ir-rikorrent u l-kumpannija Cassar & Schembri Marketing Ltd. Ix-xhud ikkonferma li r-rappreżentant tal-bank intalab jikkonferma li flus mill-kontijiet tar-rikorrent kienu ġew iddepożitati fil-kontijiet tal-kumpannija Cassar & Schembri Marketing Limited. Ix-xhud qal li r-rikorrent intalab jagħti spjegazzjoni dettaljata dwar it-tip ta' investiment li kien involut fih, u r-rikorrent kien ammetta fil-preżenza tas-CEO tal-bank li dan kien forma ta' self, u l-kambjali li nħarġu favur tiegħu kienu forma ta' garanzija għas-self li r-rikorrent kien ta lill-kumpannija. Żied jgħid li r-rikorrent kien infurmahom ukoll li huwa ma kellux ishma f'din il-kumpannija. Ix-xhud qal li normalment sabiex impjegat tal-bank jinvesti f'kumpannija privata, dan ikun irid jitlob il-permess tal-bank, sakemm il-kumpannija ma tkunx waħda li tinnegozja fuq il-Borża ta'

Malta. Ix-xhud qal li waqt il-konverżazzjoni li saret mar-rikorrent, ħareġ ċar li dan tilef ammont sostanzjali ta' flus, u minkejja li ntalab jagħti r-riżenja tiegħu mill-impjieg, ir-rikorrent kien irrifjuta li jagħmel dan.

11. **Edward Cachia**, li kien *Chief Executive Officer* tal-bank intimat fiż-żmien rilevanti, xehed li meta l-bank kien sar jaf li r-rikorrent kien involut f'kawża ma' terzi u kien qiegħed jitlob lill-bank jibgħat rappreżentant jixhed f'din il-kawża, huwa kien bagħat għar-rikorrent u talbu jagħti spjega dwar in-natura ta' dan l-investiment. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien spjega li huwa kien kellu żewġ kambjali li bis-saħħa tagħhom kien qiegħed jippretendi li jieħu flusu lura mingħand il-kumpannija li investa magħha, u dak il-ħin huwa kien qal lir-rikorrent li dan ma kienx investiment imma self. Ix-xhud qal li hu wasal għal din il-konklużjoni għaliex ir-rikorrent ma kellu l-ebda prova x'juri għal dan l-investiment tiegħu, bħalma kien ikun xi *share certificate.* Ix-xhud qal li l-ebda impjegat tal-bank ma jista' jsellef flejjes lil terzi, sakemm dawn ma jkunux membri immedjati tal-familja tiegħu. Ix-xhud qal li fir-rwol li kellu mal-bank, ir-rikorrent kien jieħu ħsieb diversi kontijiet ta' individwi. Kompla jgħid li kodiċi ta' imġiba tal-bank kien ġie ifformulat fuq medda ta' snin, u hemm ċerti affarijiet li impjegat ta' bank m'għandux jagħmel, anki sabiex tibqa' mħarsa r-reputazzjoni tal-bank. Ix-xhud qal li wara li tkellem mar-rikorrent fil-preżenza ta' Noel McCarthy, ir-rikorrent kien staqsieh x'għandu jagħmel, u x-xhud kien qallu li huwa kellu jiddeċiedi jekk għandux jirriżenja jew le. Qal li kien informa lir-rikorrent ukoll li f'każ li jagħżel li ma jirriżenjax, il-bank kien ser jieħu passi kontrih. Ix-xhud żied jgħid li f'dan il-każ huwa kien iddeċieda li ma kienx hemm għalfejn il-kwistjoni tmur quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, imma dan kien każ

fejn il-bank ma kellux għażla oħra għajr li jittermina l-impjieg tar-rikorrent. F'seduta sussegwenti, l-istess xhud qal li l-bank qies li l-gravità ta' dak li għamel ir-rikorrent kienet tali li dan kien jimmerita tkeċċija mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri dixxiplinarji, partikolarment għaliex il-fatt li r-rikorrent kien qed 'jikklemja' tiegħu kien diġà deher fil-gazzetta, u għall-bank kien evidenti li dan kien każ ta' self u mhux ta' investiment. Ix-xhud żied jgħid li l-bank ma jqisx l-imġiba tar-rikorrent bħala każ ta' kompetizzjoni miegħu, u spjega,

> "Ħa ngħidlek mhux jekk ikun jikkompeti mal-Bank għax il-Bank fih daqshekk u hu individwu, hija li hemm il-Bank, qal ċar u tond fi 28b fil-*collective agreement* li ħadd mill-impjegati tiegħu ma jista' jsellef u hawnhekk għandna eżempju, għaliex ma tistax issellef, għax tispiċċa tidħol f'basla int u ddaħħal il-bank, sewwa *into a reputation risk*, u allura l-bank qed jgħid le ma tistgħux issellfu barra lill-familjari tagħkom."

12. **Sharon Mallia**, *manager* f'waħda mill-fergħat tal-bank intimat, qalet li min mar sarraf iċ-*cheque* maħruġ mir-rikorrent, kien ingħata l-flus kontanti mingħajr ma saru verifiki ulterjuri, għaliex iċ-*cheque* inħareġ mill-istess bank li kien qiegħed isarrfu.

13. Dwar dan xehed ulterjorment ir-rikorrent, li qal li qabel iċ-*cheque* ġie aċċettat mill-bank u ddepożitat fil-kont ta' Cassar & Schembri, suppost li saru għadd ta' domandi u verifiki min-naħa tal-bank.

14. **William Portelli**, President tal-*Malta Union of Bank Employees,* xehed li l-MUBE hija l-*union* rikonoxxuta fil-bank intimat. Ix-xhud spjega li l-ftehim kollettiv li hemm jirregola impjiegi fuq kuntratt indefinit, u fil-każ ta' impjegati b'kuntratt tax-xogħol definit, fil-kuntratt tagħhom isir riferiment għal uħud

mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv. Ix-xhud qal li f'dan il-każ, l-*union* ma kellhiex *weighting* biex tidħol f'dan il-proċess intern, u dak iż-żmien il-bank intimat kien deherlu li s-sitwazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kienet waħda gravi u kienet timmerita t-tkeċċija tar-rikorrent. Qal li ftit li xejn kien hemm diskussjoni mal-bank dak iż-żmien, u d-deċiżjoni dwar it-tkeċċija tar-rikorrent kienet ttieħdet. Ix-xhud ikkonferma li l-*MUBE* qiegħda tassisti lir-rikorrent fil-proċeduri li dan fetaħ kontra l-bank intimat.

## Id-Deċiżjoni Appellata

15. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Lulju, 2020, it-Tribunal ikkonkluda li r-rikorrent ma ġiex mogħti l-opportunità li jiddefendi l-każ tiegħu b'mod xieraq skont il-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv, u għalhekk it-tkeċċija tiegħu mill-impieg kienet waħda inġusta u saret bi ksur tal-liġi, u l-bank intimat kellu jħallas lir-rikorrent nofs is-salarju tiegħu minn meta ġie tterminat l-impjieg sad-data ta' meta kellu jiġi fi tmiemu l-kuntratt ta' servizz definit, li kellu r-rikorrent mal-bank intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ in kwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa d-dikjarazzjoni li għamlet l-APS Bank Limited, li peress li r-rikorrent kien fuq kuntratt fiss (definit) hija kellha d-dritt li ma ssegwix klawsola 29 tal-Ftehim Kollettiv li hija l-Proċedura ta' Dixxiplina.*
>
> *Meta t-Tribunal Industrijali jeżamina l-Ftehim Kollettiv imsemmi hawn fuq isib, li fl-Appendiċi Ċ il-grad tar-rikorrent huwa kopert bil-Ftehim Kollettiv.*
>
> *Rigward id-dikjarazzjoni tal-APS Bank Ltd., li r-rikorrent għax kellu kuntratt fiss (definit) ma kienx kopert bil-Ftehim Kollettiv, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li minkejja li r-rikorrent kellu kuntratt tax-xogħol fiss (definit) il-kundizzjonijiet tax-*

*xogħol tiegħu għandhom ikunu koperti mill-istess Ftehim Kollettiv imsemmi u dan għar-raġuni, li kieku t-Tribunal Industrijali kellu jiddeċiedi mod ieħor, il-*management *f'dan il-każ l-APS Bank Ltd. ikun jista' jagħti kundizzjonijiet tax-xogħol differenti lil dawk li jimpjega b'kuntratt fiss (definit) minn dawk il-ħaddiema li għandhom kuntratt indefinit u dan joħloq mhux biss konfużjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol bejn il-ħaddiema li jkunu qed jaħdmu fl-istess grad imma wkoll, ikun qed joħloq diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema li jkunu qed jagħmlu xogħol simili fl-istess grad u li jkunu impjegati fuq kuntratt tax-xogħol indefinit ma' dawk il-ħaddiema li jkunu ġew impjegati fuq kuntratt indefinit.*

*Għaldaqstant, in vista li l-grad tar-rikorrent kien kopert permezz tal-Ftehim Kollettiv bejn l-APS Bank Ltd. u l-MUBE, it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi, li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti huma koperti bil-Ftehim Kollettiv bejn l-APS Bank Ltd u l-MUBE (2014-2016).*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta l-*management *tal-APS Bank Limited sar jaf bil-każ tar-rikorrent dwar it-transazzjoni ta' flus li għamel lill-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited, u fl-opinjoni tal-Bank ir-rikorrent kiser il-kodiċi tal-etika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, il-*management *tal-bank kien obbligat li jsegwi l-proċedura tad-dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv bejnu u l-MUBE. Invista li l-*management *tal-APS Bank Limited ma segwiex il-proċedura tad-Dixxiplina, huwa kien qed jikser l-imsemmi Ftehim Kollettiv kif ukoll, kien qed jikser id-dritt tar-rikorrent li jkollu smigħ xieraq.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal għall-konklużjoni li r-rikorrent ma ġiex mogħti l-opportunità li b'mod xieraq jiddefendi l-każ tiegħu skont il-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Ftehim Kollettiv imsemmi u għaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi.*

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li japplika klawsola 36 Nru (11) tal-Att tal-2002 Dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li tgħid* "Prinċipal li jibgħat 'il barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem". *In vista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi, li l-APS Bank Limited għandu jħallas nofs is-salarju tar-rikorrent minn meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat sad-data ta' meta kellu jiġi fit-temm il-kuntratt ta' servizz fiss (definit) li kellu r-rikorrent mal-APS Bank Limited.*

*It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li l-APS Bank Limited għandu jħallas is-somma ta' flus kif ġie deċiż hawn fuq lir-rikorrent John sive Ian Azzopardi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din id-deċiżjoni.*
*Minħabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' faċilitajiet ma kienx possibli li dan il-każ jiġi deċiż fi żmien stabbilit mil-liġi.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgħa u disgħin euro)."*

## Ir-Rikors tal-Appell

16. Il-bank appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fid-29 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"A. Jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni 2666 ċitata hawn fuq biex b'hekk it-talbiet tal-appellat quddiem it-Tribunal Industrijali jiġu respinti;*

*B. Jekk jidher opportun jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet li huma applikabbli biex dawk l-aggravji jiġu milqgħa.*

*Bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

17. Il-bank appellant spjega li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni tiegħu illimita ruħu biss u esklussivament għal eżami tal-element proċedurali tal-każ, mingħajr ma daħal biex jeżamina l-każ fil-mertu. L-appellant qal li dan sar bi ksur tal-istess obbligi tat-Tribunal li jidħol fil-mertu tal-każ u mhux jillimita ruħu biss għal element proċedurali. L-appellant żied jgħid li f'dan il-każ it-Tribunal mhux biss naqas milli jikkonsidra l-'mertu' tal-każ, iżda injora għalkollox il-fatt li l-appellat ingħata ċans jispjega ruħu u jirribatti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. L-appellant qal li donnu li għat-Tribunal kien aktar importanti li dan jara l-punt u

l-virgola tal-proċess li sar, milli li jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-bank appellant qal li f'dan il-każ mhux jintqal li *employer* jista' jinjora l-obbligu tal-*fair hearing,* u li f'każijiet bħal dawn difetti proċedurali m'għandhomx jingħataw importanza aktar milli jistħoqqilhom. Il-bank appellant qal li kien hawnhekk li t-Tribunal naqas u għalhekk dan l-appell għandu jiġi milqugħ.

18. Il-bank appellant żied jgħid li f'dan il-każ it-Tribunal naqas ukoll milli jagħmel apprezzament u jagħti interpretazzjoni korretta tad-dokumenti ppreżentati mill-partijiet, partikolarment tal-Ftehim Kollettiv u l-Kuntratt ta' Impjieg tal-appellat, li għandhom forza ta' liġi bejn il-partijiet u li għandhom jiġu interpretati b'mod li l-liġi bejn il-partijiet tiġi rispettata. Żied jgħid li f'dan il-każ, il-Ftehim Kollettiv jistipula li dan il-ftehim japplika biss għal dawk l-impjegati li huma fuq kuntratt indefinit, u l-kuntratt tal-appellat kien jispeċifika li,

> *"This Contract of Service is for a fixed term and consequently shall be governed by the legal provisions applicable to the termination of such contracts, particularly Sub-sections (11), (12) and (14) of section 36 of the Employment and Industrial Relations Act (Chapter 452)."*

19. Il-bank appellant qal li minn din il-klawsola għandu jirriżulta ċar li impjegat fuq kuntratt għal żmien definit għar-rigward ta' dak li jikkonċerna l-aspett tat-temm ta' impjieg tiegħu, huwa regolat biss mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri li l-impjieg jista' jiġi tterminat għal raġuni tajba u suffiċjenti kif determinat mill-*employer.* Il-bank appellant qal li fil-fehma tiegħu t-Tribunal interpreta l-istat ta' dritt bejn il-partijiet b'mod ħażin, għaliex injora l-fatt li aspett indirizzat mill-kuntratt ġie sostitwit minn aspett proċedurali li ma kienx hemm għalfejn jiddaħħal fir-relazzjoni bejn il-partijiet.

20. Il-bank appellant qal ukoll li mill-fatti stabbiliti, għandu jirriżulta li bħala persuna ta' fiduċja l-appellat aġixxa bi ksur lampanti tal-Kodiċi ta' Etika, meta ta self privat lil persuna li kienet klijenta tal-bank, meta huwa kien f'pożizzjoni maniġerjali mal-istess bank, u dan il-fatt waħdu kien raġuni suffiċjenti għat-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg. L-bank appellant ikkonkluda billi qal li kieku t-Tribunal daħal sewwa fil-fatti u mhux illimita ruħu għal eżami superfiċjali tal-aspett proċedurali tal-każ, kien jasal għall-konklużjoni li l-appellant kien ġustifikat li jiddeċiedi li l-imġiba tal-appellat ma setgħetx tiġi injorata. Kompla jgħid li l-fatt li impjegat imlaħħaq fit-taqsima tas-self kummerċjali, b'aċċess għad-data u għal fatti pertinenti għall-klijenti tal-bank, li jirriżulta li għamel self sostanzjali lil wieħed mill-klijenti tal-bank, liema self kien garantit permezz ta' kambjali, bi ksur tal-Kodiċi ta' Etika u l-obbligu ta' lealtà u fiduċja ta' kull impjegat, ma setax ma jwassalx għal sanzjonijiet mill-aktar estremi fil-konfront tal-appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

21. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat qal li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-bank appellant, l-appellat qal li l-bank qiegħed jistrieħ fuq is-sentenzi fl-ismijiet **James Buhagiar *vs.* Jani Limited**, tas-26 ta' Jannar, 2018 u dik fl-ismijiet **Le Jean Coetzee *vs.* Culross Global Investment Management Limited**, tat-30 ta' Lulju, 2019, mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta in sostenn tal-aggravju tiegħu. Qal li dawn id-deċiżjonijiet imorru kontra dak stabbilit f'deċiżjonijiet preċedenti tal-Qrati tagħna, senjatament dik fl-ismijiet **Carmel**

**Schembri *vs.* Enemalta Corporation**, deċiża fl-1 ta' Novembru, 2006, u dik fl-ismijiet **Joseph Silvio *vs.* Corinthia Palace Hotel Company Limited**, tas-27 ta' Frar, 2009. L-appellat qal li fl-ewwel żewġ sentenzi msemmija minnu, il-Qorti ħadet il-linja li biex jiġi determinat jekk tkeċċija kinitx inġusta jew le, mhux biżżejjed li jiġi determinat kienx hemm *procedural fairness,* imma t-Tribunal għandu jiddetermina kienx hemm ukoll 'tkeċċija inġusta' u mhux jekk kienx hemm '*breach of contract'.* L-appellat qal li fil-fehma tiegħu, il-Qorti tal-Appell fl-ewwel żewġ sentenzi ċċitati ma kellhiex tifred it-tliet elementi – *procedural fairness,* tkeċċija inġusta u *breach of contract,* meta f'każ ta' kuntratt ta' xogħol naxxenti minn skrittura privata bħalma huwa dan il-każ, dawn it-tliet materji huma intrinsikament magħqudin u inseparabbli. Qal li f'dan il-każ, it-tkeċċija ġiet iżolata għaliha mingħajr konsiderazzjoni tal-proċeduri u tal-kuntratt maqbul bejn l-impjegat u min iħaddmu. Qal li ma jistax ikollok tkeċċija ġusta jew inġusta, fejn ikun hemm kuntratt ta' xogħol li jistipula x'għandu jsir jekk il-prinċipal irid ikeċċi lill-impjegat f'każ li dan jagħmel xi ħaġa ħażina, u din il-proċedura ma tiġix segwita skont kif miftiehem. L-appellat staqsa x'inhu l-iskop li jiġi ffirmat kuntratt ta' xogħol jew ftehim kollettiv, jekk il-prinċipal jingħata l-fakoltà li jinjora partijiet mill-ftehim jekk ifettillu jagħmel hekk? L-appellat qal li l-fatt biss li impjegat jitkeċċa mill-impjieg mingħajr ma tiġi segwita l-proċedura maqbula bejnu u il-prinċipal, diġà jammonta għal tkeċċija inġusta, għaliex il-prinċipal ma jistax jieħu l-liġi b'idejh meta jkun obbliga lilu nnifsu mod ieħor. Kompla jgħid li l-każijiet li jisma' t-Tribunal huma dwar *wrongful dismissal,* li jittrattaw ksur tal-kundizzjonijiet ta' kuntratt, u d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar jekk tkeċċija tkunx inġusta jew le, proprju tittieħed abbażi tal-kuntratt tax-xogħol li jkun iffirma l-impjegat. L-appellat qal li

f'każijiet bħal dawn, il-prinċipal mhux biss huwa mistenni li jonora dak li ftiehem dwaru, imma huwa obbligat li jonora t-termini tal-kuntratt b'mod rigoruż. Kompla jgħid li r-relazzjoni bejn l-impjegat u l-prinċipal hija regolata mill-kuntratt ta' impjieg, u kull kwistjoni dejjem trid tiġi riżolta fl-ambitu tal-liġijiet li jirregolaw dak il-kuntratt. Saħaq li f'każijiet fejn kuntratt ta' xogħol bil-miktub ikun jirregola l-proċeduri ta' dixxiplina, dawn għandhom jiġu mħarsa skrupulożament u ladarba l-prinċipal ikun qabel magħhom, dawn ma jistgħux jiġu injorati. Qal ukoll li f'każijiet ta' tkeċċija mill-impjieg, it-Tribunal mhux biss huwa obbligat li jistħarreġ l-aġir tal-impjegat, imma anki dak ta' min iħaddmu.

22. B'riferiment għall-każ odjern, l-appellat qal li l-bank appellant aġixxa illegalment meta qabad u keċċieh mill-impjieg mingħajr ma segwa l-proċeduri dixxiplinarji stipulati fil-Ftehim Kollettiv u minflok bagħat għall-appellat u talbu jagħti spjegazzjoni, meta fil-fatt l-intenzjoni tal-bank kienet li jkeċċi lill-appellat mill-impjieg.

23. Dwar it-tieni aggravju sollevat mill-bank appellant, l-appellat qal li mhux minnu li l-proċeduri ta' dixxiplina stipulati fil-Ftehim Kollettiv bejn il-bank appellant u l-Malta Union of Bank Employees, mhumiex applikabbli għall-każ odjern jew huma esklużi mill-Ftehim Kollettiv innifsu. Żied jgħid li l-klawsola 4 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu tgħid illi,

> "*Unless otherwise stated, it is agreed that all aspects of the employment relationship which are not specifically dealt with by this Contract of Service, will be regulated by the Collective Agreement, then in force, signed between the Bank and the Malta Union of Bank Employees.*"

24. L-appellat qal li fil-kuntratt ta’ impjieg *de quo,* il-proċedura ta’ dixxiplina stipulata fil-Ftehim Kollettiv mhijiex eskluża, u għalhekk la darba mhijiex eskluża espressament, hija applikabbli. Kompla jgħid li inutli l-bank appellant jagħmel riferiment għall-klawsola 22(a) tal-kuntratt tal-impjieg *de quo,* li jgħid li japplikaw l-artikoli 36(11), (12) u (14) tal-Kap. 452, għaliex anki taħt dawk l-artikoli, il-prinċipal irid ibati l-konsegwenzi jekk ikeċċi impjegat għal raġuni inġusta. Żied jgħid li tali konsegwenzi ġew applikati mit-Tribunal fl-intier tagħhom. L-appellat qal ukoll li anki skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.81, il-bank appellant ma setax iċaħħad lill-appellat milli jirrikorri għall-proċeduri ta’ dixxiplina stipulati fil-Ftehim Kollettiv, għaliex din il-leġislazzjoni sussidjarja tgħid b’mod ċar illi,

> “Impjegati b’kuntratt ta’ servizz għal żmien fis m’għandhomx ikunu ittrattati b’mod inqas favorevoli minn impjegati permanenti komparabbli għar-raġuni waħdanija li jkollhom kuntratt ta’ servizz għal żmien fis.”

25. L-appellat ikkonkluda billi għamel riferiment għall-mertu tal-każ u qal li dan ma kienx każ ta’ self, iżda kien investiment. Qal li anki kieku dan kien self, il-bank appellant kien aktar minn kompliċi f’dak li ġara, għaliex mhux biss iċ-*cheque* tiegħu ġie depożitat mal-istess bank f’kont ta’ terzi, imma l-istess bank appellant ippermetta wkoll li jitħallsu mitt elf Euro (€100,000) fi flus kontanti lil dawn it-terzi mingħajr ma sar ebda eżerċizzju ta’ *due diligence.* L-appellat ikkonkluda billi qal li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg saret sabiex il-bank appellant ikun deher li għamel xi ħaġa f’każ li xi awtorità kompetenti tinvestiga l-ħruġ ta’ mitt elf Euro (€100,000) fi flus kontanti mill-bank, mingħajr ma sar ebda *due diligence.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

26. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-bank appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll ir-risposta tal-appellat, u anki l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. L-appellant essenzjalment qiegħed jibbaża l-aggravji tiegħu fuq il-fatt li t-Tribunal iddeċieda li l-appellat ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi l-każ tiegħu b'mod xieraq skont il-Proċedura tad-Dixxiplina stipulata fil-Ftehim Kollettiv, u għalhekk ikkonkluda li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet inġusta u bi ksur tal-liġi. Dan wara li l-bank appellant ħa l-pożizzjoni li ladarba l-appellat kien fuq kuntratt ta' impjieg fis, il-bank kellu d-dritt li ma josservax il-klawsola 29 tal-Ftehim Kollettiv, li hija l-proċedura ta' dixxiplina li tirregola lill-impjegati tal-bank. Barra minn hekk il-bank appellant jgħid ukoll li t-Tribunal kellu jidħol fil-mertu tal-każ, u mhux jillimita ruħu għall-aspetti proċedurali tal-każ, kif jirriżulta li sar, għaliex li kieku daħal fil-mertu tal-każ, it-Tribunal kien jikkonkludi li dak li għamel l-appellat kien jimmerita t-tkeċċija immedjata tiegħu mill-impjieg.

*L-Ewwel Aggravju:* *It-Tribunal illimita ruħu biss għal eżami tal-elementi proċedurali tal-każ mingħajr ma daħal fil-mertu*

27. Il-bank appellant isostni li t-Tribunal kellu l-obbligu li jidħol fil-mertu tal-każ u mhux jillimita ruħu biss għall-aspetti proċedurali. Qal li f'dan il-każ irriżulta li l-appellat ingħata l-opportunità li jispjega ruħu, u minkejja li l-ebda prinċipal m'għandu jinjora l-prinċipju tal-*fair hearing,* id-difetti proċesswali

f'każijiet bħal dawn m'għandhomx jingħataw importanza aktar milli jistħoqqilhom.

28. L-appellat min-naħa tiegħu wieġeb li t-Tribunal ma jistax jagħti deċiżjoni dwar tkeċċija, u jekk din hijiex ġusta jew le, fejn kuntratt ta' xogħol jistipula x'għandu jsir f'każ li hemm bżonn jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' impjegat, u din il-proċedura ma tiġix segwita. Qal li l-fatt waħdu li l-proċedura ta' dixxiplina stipulata fi ftehim kollettiv jew f'kuntratt ma tiġix osservata, jammonta għal sitwazzjoni inġusta u għalhekk għal tkeċċija li hija inġusta. Qal li l-ebda *employer* ma jista' jinjora partijiet mill-ftehim jekk ifettillu jagħmel hekk, u l-fatt li impjegat jitkeċċa mill-impjieg mingħajr ma tiġi segwita l-proċedura maqbula bejnu u min iħaddmu, jammonta għal tkeċċija inġusta.

29. Il-Qorti tqis li skont il-klawsola 22 tal-kuntratt li l-appellat kellu mal-bank appellant, f'każ ta' terminazzjoni ta' dan il-kuntratt ta' impjieg, li kien għal żmien definit, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 36 (11), (12) u (14) tal-Kap 452. Il-klawsola 23 tal-istess kuntratt imbagħad tispeċifika liema huma dawk is-sitwazzjonijiet li fihom il-bank jista' jittermina l-kuntratt ta' impjieg inkwistjoni b'mod immedjat, mingħajr ma l-impjegat ikollu jedd għal xi kumpens jew għad-danni, u dawn is-sitwazzjonijiet jinkludu t-taqsima vii.k, li tgħid hekk:

> "*Breaching the Bank's Code of Conduct and Code of Ethics. It is agreed that the above shall be considered to constitute a good and sufficient cause for termination by the Bank.*"

30. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li kemm il-Kodiċi ta' Etika kif ukoll il-Kodiċi ta' Imġiba (*Code of Conduct)* esebiti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, jiffurmaw parti mill-Ftehim Kollettiv li jirregola d-diversi kategoriji ta' impjiegati mal-bank appellant, inkluż il-*managerial grades* li kien jaqa' taħthom l-appellat. Jirriżulta għalhekk li kwalsiasi azzjoni li tittieħed kontra impjegat tal-bank, inkluż fil-konfront ta' xi ħadd li għandu kuntratt ta' impjieg definit, bħalma huwa l-każ in eżami, għandu jkun regolat mill-Proċeduri ta' Dixxiplina stipulati fil-Ftehim Kollettiv. Huwa minnu li l-imsemmija kodiċi jistipulaw li impjegati tal-bank m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ta' self lil terzi, għajr f'sitwazzjonijiet fejn dawk it-terzi jkunu membri tal-familja tagħhom. Il-klawsola (b) taħt l-Artikolu 28 testwalment taqra:

> *"Employees shall not, without the prior written permission of the Bank, act as attorney/agent, borrow or lend money or enter into any guarantee; except in those cases where the employee is acting as an attorney/agent, or borrowing from or lending money to or acting as a guarantor relating to a member of his immediate family (i.e. wife, husband, children, and parents)."*

31. Il-Qorti eżaminat ukoll il-Kodiċi ta' Etika tal-bank appellant, li jitkellem dwar l-integrità li biha għandhom jikkomportaw ruħhom l-impjegati tal-bank, il-livell ta' professjonalità li dawn għandhom iħaddnu f'kull aspett tal-ħajja tagħhom, partikolarment meta jiġu biex imexxu l-affarijiet finanzjarji tagħhom, kif ukoll l-obbligu li dawn għandhom li jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u josservaw prattiki ta' imġiba tajba f'kull azzjoni li jagħmlu. L-impjegati tal-banek għandhom ukoll l-obbligu ta' *disclosure* f'dawk il-każijiet fejn membri tal-familja tagħhom ikunu involuti f'kawżi quddiem il-Qrati, jew qegħdin jiffaċċjaw azzjonijiet minħabba problemi finanzjarji, u dan

kollu huwa pprovdut għalih fil-Kodiċi ta’ Etika u fil-Kodiċi ta’ Imġiba tal-bank, li jiffurmaw parti mill-Ftehim Kollettiv li jirregola lill-impjegati. Il-Qorti kkonsidrat ukoll x’kellu xi jgħid l-*ex-CEO* tal-bank appellant Edward Cachia fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, fejn dan spjega x’livelli ta’ imġiba huma mixtieqa mill-impjegati tal-bank, u ta xi eżempji, fosthom li dawn il-ħaddiema ma jistgħux jiffrekwentaw postijiet fejn jintlagħbu l-flus, jew ikollhom impjieg wara l-ħin tax-xogħol.

32. Minkejja dan, kull azzjoni dixxiplinarja għandha tittieħed fil-kuntest ta’ dak li jistipula l-Ftehim Kollettiv fil-klawsola numru 11, li jipprovdi għal *Disciplinary and Grievance Board* li għandu jinħatar sabiex jisma’ proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-impjegati. Il-klawsola 29 tal-istess Ftehim Kollettiv tagħmel differenza bejn it-tipi ta’ offiżi li impjegat jista’ jkollu jwieġeb għalihom, dawk minuri, u dawk serji, u tgħid għal kull tip ta’ offiża x’tip ta’ sanzjoni għandha tingħata lill-impjegat. Il-Ftehim Kollettiv ma jeskludix lanqas il-possibilità li impjegat jiġi mkeċċi sommarjament, imma dejjem fl-ambitu tal-proċeduri dixxiplinarji li jsiru skont kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv, u wara li jinħatar bord ta’ dixxiplina sabiex jisma’ l-każ u jiddeċiedi dwaru.

33. Huwa in vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet li l-ewwel aggravju sollevat mill-bank appellant mhuwiex mistħoqq u tiċħdu, għaliex jirriżulta li l-bank kien proċeduralment żbaljat meta dan injora għalkollox dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv u minflok għażel li jkeċċi lill-appellat mingħajr ma dan tressaq quddiem bord ta’ dixxiplina kostitwit skont il-Ftehim Kollettiv.

*It-tieni aggravju:* *it-Tribunal m'għamel l-ebda apprezzament tal-provi u tad-dokumenti kif ippreżentati mill-partijiet*

34. Il-bank appellant jgħid li l-Ftehim Kollettiv u l-Kodiċi ta' Etika li jirregola lill-impjegati tal-bank, ma ngħatawx il-konsiderazzjoni li kien jistħoqqilhom mit-Tribunal, u huwa għalhekk li dan wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta. Qal li l-kodiċijiet għandhom is-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet, u l-kuntratt ta' impjieg tal-appellat jagħmilha ċara li peress li dan huwa kuntratt għal terminu definit, japplikaw għalih id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

35. L-appellat min-naħa tiegħu wieġeb li mhux minnu li l-proċeduri ta' dixxiplina stipulati fil-Ftehim Kollettiv ma japplikawx għal dan il-każ u għamel riferiment għall-klawsola numru 4 tal-kuntratt tiegħu li tgħid illi,

> *"All aspects of the employment relationship which are not specifically dealt with by this Contract of Service, will be regulated by the Collective Agreement then in force, signed between the Bank and the MUBE."*

L-appellat għamel riferiment ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja (L.S. 452.81) li jgħidu li impjegati b'kuntratt ta' żmien fiss m'għandhomx ikunu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati permanenti.

36. Il-Qorti diġà rreferiet b'mod estensiv għad-dokumentazzjoni kollha esebita quddiem it-Tribunal, u mill-eżami li għamlet, ma jirriżultax li t-Tribunal injora dawn il-provi li kellu quddiemu. Fil-fatt din il-Qorti qiegħda taqbel perfettament mal-konklużjoni tat-Tribunal li f'dan il-każ kellhom jiġu invokati t-

termini u kundizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv sabiex jiġi assigurat li l-proċess dixxiplinarju fil-konfront tal-appellat isir skont dak li ġie miftiehem bejn il-bank appellant u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. Din il-Qorti, bħat-Tribunal qabilha, taqbel li l-bank appellant kellu jonora t-termini tal-Ftehim Kollettiv sabiex jiġi assigurat li kwalunkwe proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat ikunu konformi ma' dan il-ftehim. Hija n-nuqqas ta' konformità ma' dak li jipprovdi l-Ftehim Kollettiv li tagħmel it-tkeċċija tal-appellat waħda inġusta, għaliex ma kellu qatt ikun li s-CEO u l-*Head of Corporate Strategy* tal-bank jiddeċiedu huma dwar il-futur tal-appellat fi ħdan l-istruttura tal-bank, meta l-Ftehim Kollettiv jaħseb għal bord tad-dixxiplina kompost minn persuni indipendenti mit-tmexxija tal-bank, sabiex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' dixxiplina li jinvolvu lill-impjegati tal-bank.

Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *il-mertu - self lil terzi*

37. Il-bank appellant jgħid li l-mertu tal-kwistjoni kellu jwassal lit-Tribunal jiddeċiedi li l-bank kellu raġun meta ddeċieda li jkeċċi lill-appellat, għaliex dan kien każ ċar ta' ksur tal-Kodiċi ta' Etika. Qal li t-Tribunal kellu jidħol sew fil-fatti u mhux jillimita ruħu għal eżami superfiċjali tal-aspetti proċedurali tal-każ, u li kieku t-Tribunal għamel dan l-eżerċizzju, kien isib li l-appellat kiser il-kodiċi ta' etika u l-obbligu ta' lealtà li kellu fil-konfront ta' min iħaddmu.

38. L-appellat laqa' għal dan l-aggravju billi qal li f'dan il-każ ġie ppruvat li l-bank ukoll kellu n-nuqqasijiet tiegħu, partikolarment meta għażel li jħallas

€100,000 wara l-preżentata taċ-*cheque* maħruġ mill-appellat mingħajr eżerċizzju ulterjuri ta' verifika u ta' *due diligence.*

39. Din il-Qorti tqis li ladarba t-Tribunal korrettement wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda inġusta għaliex ma saritx skont il-formalitajiet stabbiliti fil-ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet, allura ma kienx hemm il-ħtieġa li t-Tribunal jidħol fil-mertu tal-każ. Il-bank appellant kien marbut bi ftehim li kien jobbligah iwaqqaf bord ta' dixxiplina, u finalment kellu jiddeċiedi dan il-bord jekk dak li għamel l-appellat kienx jammonta għal 'investiment' jew 'self'. Meta l-bank appellant naqas milli josserva l-proċedura maqbula fil-Ftehim Kollettiv li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet, dan kien qiegħed jaġixxi b'mod inġust fil-konfront tal-appellat, u huwa għalhekk li l-appellat istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal li wasslu għall-proċeduri odjerni. Il-bank appellant kellu jaħtar bord tad-dixxiplina li kellu jiddeċiedi jekk dak li għamel l-appellat kienx jiġġustifika t-tkeċċija sommarja tiegħu, imma ma kellu jkun qatt li d-deċiżjoni dwar it-tkeċċija tal-appellat tittieħed bil-mod kif ittieħdet, għaliex dan jirrendi t-tkeċċija waħda li mhijiex ġusta. Ladarba ġie stabbilit li l-bank ma mexiex bil-proċedura korretta biex jiddixxiplina lill-appellat, inħolqot sitwazzjoni fejn it-tkeċċija tal-impjegat ma tistax titqies li hija waħda ġusta, jew li saret għal raġunijiet mistħoqqa. Għalhekk kien korrett it-Tribunal li ma daħalx fil-mertu tal-kwistjoni.

Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għalhekk tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-bank appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-bank appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**